

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

3.9.2007

0075/2007

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Joseph Daul, Enrique Barón Crespo, Graham Watson Heide Rühle u  
Eugenijus Maldeikis

dwar l-immarkar ta' l-oriġini

Data ta' skadenza: 3.12.2007

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-immarkar ta' l-oriġini**

*Il-Parlament Ewropew,*

- b'rispett għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-immarkar ta' l-oriġini (P6\_TA(2006)0325),
- b'rispett għar-regola Rule 116 tar-Regoli ta' Proċedura tagħha,
- A. filwaqt li l-Unjoni Ewropea tagħti l-ikbar importanza lit-trasparenza għall-konsumaturi u informazzjoni dwar l-oriġini tal-prodotti hija essenzjali f'dak ir-rigward,
- B. filwaqt li każijiet ta' indikazzjonijiet ta' oriġini qarrieqa u ta' ingann fuq prodotti impurtati fl-Unjoni Ewropea qed jiżdiedu, jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-konsumatur,
- C. filwaqt li l-Aġenda Lisbona ta' l-UE timmira biex issaħħaħ l-ekonomija billi ttejjeb globalment il-kompetittività ta' l-industriji ta' l-UE,
- D. filwaqt li għadd ta' msieħba l-aktar importanti ta' l-UE fil-kummerċ, bħalma huma l-Amerka, il-Ġappun u l-Kanada, haġġu rekwiżiti mandatorji għall-immarkar ta' l-oriġini,
  1. Itenni d-dritt tal-konsumaturi Ewropej għal aċċess immedjat għall-informazzjoni dwar dak kollu li jixtru; tenfasizza li indikazzjonijiet foloz dwar l-oriġini ta' prodott huma, bħal kwalunkwe qerq, inaċċettabbli; jemmen li għandha tkun żgurata kompetizzjoni ġusta ma' l-imsieħba fil-kummerċ ta' l-UE skond aġenda ta' kummerċ ġust;
  2. Jaqbel ħaġġa mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regola tal-Kunsill biex tintroduċi indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini ta' ċerti prodotti impurtati minn pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea;
  3. Jappella lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea biex jadottaw mingħajr dewmien, fl-interess tal-konsumaturi, l-industrija u l-kompetittività fl-UE;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.